# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM, il-Ħamis, 22 ta' Marzu, 2018**

**Kawża Numru 14 (Kost.)**

**Rik. Nru. 26/18JRM**

George Michael **SPITERI**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment għall-finijiet tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-finijiet tal-ewwel talba magħmula mir-rikorrent f'rikors imressaq minnu fil-15 ta' Marzu, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, qiegħed jitlob li l-Qorti ssib li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") u biex il-Qorti tagħti dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa biex jingħata rimedju għall-ksur minnu mġarrab;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Marzu, 2018, li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ tal-21 ta' Marzu, 2018, u ordnat in-notifika lill-intimat bi żmien li jressaq Tweġiba sal-għeluq tal-ħin tar-Reġistru tal-20 ta' Marzu, 2018;

Rat li l-intimat laqa' n-notifika tal-atti tal-kawża matul l-għodwa tal-21 ta' Marzu, 2018, ftit ħin qabel ma kellha tissejjaħ il-kawża u ressaq it-Tweġiba tiegħu limitatament għall-ewwel talba attriċi, b'riżerva li jressaq Tweġiba xierqa li tindirizza t-talbiet attriċi l-oħrajn;

Rat li, fl-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent irid li din il-Qorti tagħti l-provvedimenti *pendente lite*, magħduda magħhom ordni li twaqqaf il-mixi 'l quddiem tal-proċeduri tal-appell imressaq minnu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali imħolli għas-smigħ tallum it-22 ta' Marzu, 2018, u dan sakemm tinqata' din il-kawża ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati dwar din l-ewwel talba attriċi;

Rat l-atti rilevanti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2018, li bih ħalliet il-kawża għal-lum, għall-għoti tas-sentenza dwar l-imsemmija talba;

***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrent jilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq imsejsa fuq aggravju ta' nullita' ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta' Ottubru, 2017. Ir-rikorrent jgħid li, dakinhar li ngħatat is-sentenza li kkundannatu għal sentejn priġunerija, is-sentenza ma kinitx għadha nkitbet u wisq anqas ingħataw il-motivazzjonijiet għaliex dik il-Qorti kienet sabitu ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontrih u tatu l-piena msemmija. Jirriżulta li dakinhar li ngħatat is-sentenza, kulma nkiteb kienet il-piena li l-Qorti tat u l-firma tal-Maġistrat li ta s-sentenza, miktuba fuq l-att tal-preżentata tar-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja f'Awwissu tal-2015[1];

Illi r-rikorrent ressaq appell mill-imsemmija sentenza fit-13 ta' Novembru, 2017[2] , u fost l-aggravji tiegħu (sewwasew l-ewwel wieħed) qajjem in-nullita` tas-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar, 2018[3], u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-aggravju tan-nullita` tas-sentenza mressaq mir-rikorrent appellant ma ntlaqax u l-Qorti ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni fil-mertu tal-appell għas-smigħ tat-22 ta' Marzu, 2018 (illum);

---

[1] Dok "A", f'paġġ. 4 – 5 tal-proċess
[2] Dok "E", f'paġġ. 12 – 6 tal-proċess
[3] Dok "F", f'paġġ. 27 sa 36 tal-proċess

Illi r-rikorrent fetaħ din il-kawża fil-15 ta' Marzu, 2018, u fl-ewwel talba tiegħu qiegħed jitlob li din il-Qorti tagħti rimedju provviżorju, fosthom dak li tordna li jitwaqqaf is-smigħ u t-trattazzjoni ulterjuri tal-appell tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, sakemm din il-Qorti tistħarreġ l-ilment tiegħu f'din il-kawża u tingħata s-sentenza;

Illi l-intimat Avukat Ġenerali wieġeb għal din it-talba tar-rikorrent billi qal, għar-raġunijiet minnu mfissra, li ma jeżistux l-elementi meħtieġa biex iwasslu lil din il-Qorti tagħti l-provvediment provviżorju fis-sens mitlub mir-rikorrent. Jisħaq li r-rikorrent messu qajjem il-kwestjoni kostituzzjonali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali jew tal-anqas messu talab lil dik il-Qorti tqis jekk imisshiex tissoprasjedi sakemm jinqata' l-każ imressaq minnu f'din il-kawża;

Illi bħalma ngħad drabi oħrajn f'ċirkostanzi bħal din tallum[4], is-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;

Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet[5];

Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita` u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[6]. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu[7]. Għalhekk, mhuwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ[8];

Illi huwa stabbilit ukoll li biex jinħalqu ċ-ċirkostanzi ħalli jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ jintwera wkoll minn min jitolbu li hemm ħsara imminenti li titlob it-teħid ta' provvediment bħal dak[9];

---

[4] P.A. (Kost.) MCH **30.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Trevor Bonniċi vs L-Avukat Ġenerali***

[5] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM **5.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gauċi et vs Avukat Ġenerali et***

[6] Q.E.D.B. **6.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamatkulov et vs Turkija*** (Applik. Nru. 46837/99) § 110

[7] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113

[8] Deg P.A. (Kost.) AE **16.4.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et***

[9] Kost. **25.9.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et***

Illi għalkemm huwa minnu, kif jallega l-intimat, li l-għoti tal-provvediment provviżorju quddiem il-Qorti ta' Strasburgu taħt ir-regolament 39 tar-Regoli tal-Proċedura ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi marbut ma' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 2 jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni[10], ma hemm l-ebda dispożizzjoni fil-liġi tagħna li tillimita l-għoti ta' provvediment bħal dak biss għall-imsemmija żewġ artikoli. Kemm hu hekk, kien hemm każijiet fejn l-għoti ta' provvediment ingħata wkoll waqt proċeduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni[11];

Illi r-rimedju li r-rikorrent qiegħed jitlob f'dan il-każ mhuwiex limitat, imma jgħodd fih ukoll it-twaqqif tal-proċess li nbeda diġa` quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

Illi l-Qorti tqis li, ladarba hemm sentenza, din għandha l-effett li tistabilixxi fatt aċċertat għaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza "*pro veritate habetur*". Tqis ukoll li sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza oħra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi tagħha, u sakemm ma tingħatax sentenza bħal dik, is-sentenza tibqa' tgħodd;

Illi madankollu l-ilment fil-mertu tar-rikorrent f'dan il-każ huwa wieħed li jolqot id-dritt ta' smigħ xieraq kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan sewwasew fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi li wasslu għall-għoti tas-sentenza li minnha ressaq appell. Hemm ukoll iċ-ċirkostanza li, bis-saħħa tas-sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar, 2018, il-kwestjoni tan-nullita' tas-sentenza nqatgħet b'mod definittiv billi dik il-Qorti ċaħdet l-aggravju tr-rikorrent appellant, u għaldaqstant mhuwiex mistenni li l-kwestjoni titqajjem aktar quddiem dik il-Qorti f'dak li fadal isir fit-trattazzjoni tal-appell quddiemha;

Illi, bla ma bl-ebda mod tfisser ruħha dwar il-mertu tal-każ imressaq quddiemha mir-rikorrent, huwa minnu li jekk kemm-il darba kellha tingħata s-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali qabel ma jkun mistħarreġ l-ilment ta' ksur ta' jedd kostituzzjonali mressaq minnu f'din il-kawża, l-ilment tiegħu f'din il-kawża jkun tqajjem għalxejn. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali għadhom mhumiex magħluqa u għadha trid issir it-trattazzjoni "fil-mertu" tal-aggravji l-oħrajn tiegħu mis-sentenza appellata ifisser li r-rikorrent innifsu għandu r-rimedju proċedurali li bih jista' jgħarraf lil dik il-Qorti bil-fatt li huwa fetaħ din il-kawża u li hija tirregola ruħha kif jidhrilha xieraq fid-dawl ta' dak it-tagħrif;

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax li, fil-parti deliberattiva tas-sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar, 2018, l-

[10] Ara K Reid <u>A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights</u> (3rd Edit, 2007) § I.021, p. 20
[11] Ara Ordni *Interim* Q.E.D.B. **30.11.1999** fil-kawża ***Ocalan vs Turkija*** (Applik. 46221/99)

imsemmija Qorti wriet li kienet qiegħda tagħraf il-potenzjali preġudizzju għall-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent appellant dwar smigħ xieraq u dwar il-liberta` personali tiegħu;

Illi din il-Qorti tifhem l-aspetti partikolari li huma mistennija jintwerew biex iwassluha tagħti rimedju provviżorju, u dan jgħodd b'aktar qawwa fejn ir-rimedju jkun jinvolvi proċeduri quddiem Qorti oħra. Din il-Qorti temmen li, safejn ma jkunx hemm ċirkostanzi tabilħaqq impellenti, Qorti ma għandhiex tindaħal fil-mod kif Qorti oħra, fit-twettiq tal-kompetenzi tagħha, għandha jew imissha timxi. F'din iċ-ċirkostanza, hija tqis li, bla ma tiddetta x'għandha tagħmel il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ tar-rikorrent, il-fatt li r-rikorrent fetaħ din il-kawża sewwasew fuq il-kawżali mressqa, għandu jkun element li dik l-istess Qorti xieraq tikkunsidra dwar jekk għandhiex tordna li l-appell ikompli jinstema' jew jekk għandhiex tgħaddi għall-għoti ta' sentenza, sakemm din il-kawża tkun għadha miexja;

Illi dan ir-rimedju jista' jintalab mir-rikorrent fl-atti ta' l-appell tiegħu ukoll billi l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun mgħarrfa bil-fatt li nfetħet din il-kawża u, jekk meħtieġ, b'dan il-provvediment;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċedi billi:

Filwaqt li żżomm dawn il-konsiderazzjonijiet kollha quddiem għajnejha, hija qiegħda tipprovdi dwar l-ewwel talba tar-rikorrent billi tidderieġi lill-istess rikorrent jottempera ruħu skond il-konsiderazzjonijiet magħmulin f'din is-sentenza biex il-Qorti tal-Appell Kriminali tkun mgħarrfa kif meħtieġ u tirregola ruħha skond kif jidhrilha xieraq fid-dawl ta' dak li ngħad hawn fuq.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**22 ta' Marzu, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**22 ta'Marzu, 2018**